MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2879/1996/1

**Alexander Borg**
**vs**
**Vincenza Borg**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Ottubru 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi permezz tas-sentenza ta' l-24 ta' Ottubru 1995 (Citazzjoni numru 1297/91FD), din l-Onorabbli Qorti, llikwidat il-manteniment pagabbli mill-attur, lill-konvenuta martu fis-somma ta' erbghin lira Maltin (Lm40) kull xahar, u ghoxrin lira Maltin (Lm20) kull xahar ghal kull wiehed mill-ulied sakemm jaghlqu l-eta` ta' tmintax-il sena u kkundannat lill-istess attur sabiex ihallas lill-konvenuta is-somma hekk likwidata;

Illi llum it-tlett itfal tal-kontendenti, u cjoe`, Carol, Romina u Gordon, ahwa Borg ghalqu l-maggjor eta` taghhom, b'mod allura illi somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti versu l-manteniment tat-tfal, m'humiex iktar pagabbli mill-attur;

Illi jirrizulta illi l-manteniment likwidat fis-sentenza hawn fuq imsemmija ma gietx ibbazata fuq il-kapacita` tal-konvenuta illi tahdem u certament ma kenitx ibbazata fuq dhul jew introjtu ta' l-attur;

Illi llum il-konvenuta qeghda tahdem u ghalhekk hi fi grad illi tmantni lilha nnifisha u tinsab ukoll fi grad illi tmantni lil uliedha minuri.

Illi ghalhekk, l-istess l-attur talab lil din l-Qorti sabiex:-

1. *In vista* tac-cirkostanzi llum prevalenti, tiddikjara illi l-attur m'ghandux l-obbligu illi jmantni lill-konvenuta, martu, jew altrimenti;

2. Tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta, billi mill-gdid tillikwida l-manteniment f'somma nferjuri tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u dan b'effett mill-24 ta' Ottubru 1995, jew data ohra illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur ghall-hlas ta' manteniment pagabbli mill-konvenuta lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 6 ta' Marzu 1999 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kif jirrizulta mit-trattazzjoni;

2. Illi specifikament l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta *stante* li l-attur ghandu obbligu li jkompli jmantni lil martu skond il-Ligi. Permezz tas-sentenza minnu citata, gie dikjarat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti esklussivament, a bazi tat-tort ta' l-attur odjern konsistenti *inter alia* f'adulterju u f'konkubinagg flagranti u ghalhekk zewgha ma giex mehlus mill-obbligu tieghu li jmantni lil martu;

3. Illi l-obbligu tal-manteniment ghandu jigi likwidat tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-partijiet kif ukoll ta' uliedhom jekk dawn qaghdhom dipendenti ghalkemm ikunu ghalqu t-tmintax-il sena;

4. Illi *inoltre,* dik l-Onorabbli Qorti kienet ikkonsidrat il-kapacita` ta' l-eccipjenti ghax-xoghol meta llikwidat il-manteniment lilha dovut kemm ghaliex l-emmendi introdotti bl-**Att numru XXI ta' l-1993** kienu diga` dahlu *in vigore* kif ukoll fuq eccezzjoni f'dan is-sens mill-konvenut f'dik il-kawza, liema kapacita` ghandu jitqies skond ic-cirkostanzi u fatturi kollha rilevanti;

5. Illi dik l-ewwel Qorti kienet ukoll ikkonsidrat id-dhul ta' l-attur odjern meta illikwidat l-ammont ta' manteniment u ghalhekk mhux minnu dak li qed jigi premess fic-citazzjoni;

6. Illi mid-data ta' dik is-sentenza, l-attur odjern ma ottemperax ruhu mas-sentenza u ma hallas ebda ammont ta' manteniment, u ghalhekk, ghandu jigi ordnat li jirregola ruhu ma' l-ordni tal-Qorti qabel ma tigi kkunsidrata il-mertu ta' din il-kawza;

7. Illi mid-data tas-sentenza kien hemm kambjament fid-dhul ta' l-attur li zdied fil-mezzi u ghalhekk, mhux il-kaz li l-manteniment dovut lill-eccipjenti jigi ridott, anzi ghandu jizdied;

8. Illi t-talba ghar-riduzzjoni retroattiva tal-manteniment lilha akkordata sad-data ta' l-ewwel sentenza hija wkoll infondata u ghandha tigi respinta *stante* li b'hekk l-attur qed jittenta appell mis-sentenza li ghaddiet in gudikat;

9. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u l-eccipjenti qed tipprevali ruhha mill-fakolta` li tipprezenta kontro-talba ma' din in nota ta' l-eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konventa a fol. 11 u 12 tal-process;

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuta datata 6 ta' Marzu 1998 (a fol. 13) fejn ppremetiet li:-

Illi l-attur rikonvenzjonat huwa obbligat li jhallas lill-konvenuta odjerna mateniment skond is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civli moghtija fil-24 ta' Ottubru 1995 f'kawza fl-ismijiet **"Vincenza Borg vs Alexander Borg"** (Citazzjoni Numru 1297/91/FD).

Illi zewgha ma hallas ebda manteniment minn dik id-data sa llum la ghall-konvenuta odjerna u lanqas ghal uliedhom.

Illi l-konvenuta odjerna nefqet spejjez ghall-bzonnijiet tal-ulied mid-data tas-sentenza sa llum.

Illi d-dhul ta' l-attur rikonvenzjonat zdied minn dik id-data sa llum kif ukoll gholiet il-hajja u l-esponenti ma hadet ebda zieda ta' l-gholi tal-hajja mill-1995 sa llum.

Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet lill din il-Qorti sabiex:-

1. Tillikwida l-ammont dovut lill-konvenuta odjerna bhala arretrati ta' manteniment ghaliha u ghal ulied il-kontendenti mill-24 ta' Ottubru 1995 sad-data tas-sentenza;

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta odjerna l-ammont hekk likwidat flimkien ma' l-imghaxijiet legali;

3. Tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuta odjerna billi mill-gdid

tillikwida dan l-ammont f'somma superjuri li ghandha taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u tenut kont tac-cirkostanzi kollha rilevanti tal-partijiet skond il-ligi.

4. Tordna li l-manteniment hekk likwidat jithallas lilha direttament minn kull persuna jew entita` li minnha l-attur rikonvenzjonat jircievi xi paga jew beneficcju jew hlas iehor.
Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li hu ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta datata a fol. 15 u 16;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur datata 16 ta' Marzu 1998 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ewwel zewg talbiet tal-konvenuta huma legalment superfluwi u insostenibbli billi l-istess konvenuta gja tipposjedi titolu ezekuttiv ghall-hlas ta' l-ammont pagabbli lilha bhala manteniment skond is-sentenza ta' l-24 ta' Ottubru 1994;

2. Illi certament ma hemmx lok ghall-awment fil-manteniment pagabbli lill-konvenuta anzi, kif jirrizulta ampjament mill-fatti gja dikjarati mill-attur fic-citazzjoni tieghu, hemm lok ghar-riduzzjoni u/jew l-eliminazzjoni ta' tali manteniment.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur a fol. 19 u 20 tal-process;

Rat li din il-kawza giet ipprezentata fit-3 ta' Ottubru 1996 (Citaz. Numru 2879/96/VDG) u giet apputantata mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fid-9 ta' Frar 1998 ghall-24 ta' Marzu 1998.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datati 24 ta' Marzu 1998 fejn giet nominata Dr.

Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tigbor il-provi; tat-2 ta’ Lulju 1998; u tat-22 ta’ Jannar 1999 u tat-24 ta’ Jannar 2000; tat-12 ta’ Gunju 2000, tas-7 ta’ Novembru 2000, tat-20 ta’ Frar 2001, tad-19 ta’ Settembru 2001, tad-9 ta’ Jannar 2002 u tas-27 ta’ Marzu 2002.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 23 ta’ Marzu 2000 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 28 ta’ Marzu 2000 fejn permezz taghha ddikjarat li tirrizerva il-jedd ghall-kontro-ezami ta’ l-attur skond l-affidavit tieghu;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 17 ta’ April 2001 fejn talab lill-Qorti tawtorizzah jipproduci lir-rapprezentanti ta’ Seabank Hotel u Atlantic Boy Restaurant bhala xhieda tieghu u dan minkejja l-fatt li m’humiex dikjarati fil-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Mejju 2001 fejn il-Qorti diversament presjduta laqghet it-talba;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju 1998 mill-Assistent Gudizzjarju fejn ma sar xejn hlief verbali mill-Avukati Dr. Stephen Thake u Dr. Lorraine Schembri Orland; tat-3 ta’ Gunju 1998 fejn ma sar xejn; tat-8 ta’ Ottubru 1998 fejn ukoll ma sar xejn; ta’ l-14 ta’ Gunju 1999 fejn ma sar xejn; 26 ta’ Lulju 1999 fejn ma sar xejn; ta’ l-24 ta’ Settembru 1999 fejn xehed l-attur (minkejja li gja kien ipprezenta l-affidavit tieghu); tat-28 ta’ Settembru 1999 fejn ma deher hadd u allura ma sar xejn; tas-17 ta’ Novembru 1999 fejn dehret biss Dr. Schembri Orland ghall-konvenuta prezenti u ma sar xejn; tat-23 ta’ Marzu 2000 fejn deher biss l-attur mhux assistit u Dr. Lorraine Schembri Orland u ma sar xejn; tat-22 ta’ Mejju 2000 fejn dehret biss l-istess Avukatessa u ma sar xejn ukoll; l-istess gara fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2000; ta’ l-4 ta’ April 2001 fejn xehed l-attur mill-gdid; tal-5 ta’ Settembru 2001 fejn ma sar xejn; tas-16 ta’ Novembru 2001 fejn xehed Natalino Borg; ta’ l-14 ta’ Marzu 2002 fejn ma sar xejn ghaliex dehret biss il-konvenuta; tas-17 ta’ Marzu 2003 fejn ma sar xejn hlief verbal minn Dr. Lorraine Schembri Orland; tat-8 ta’ Mejju

2003 fejn xehed Edwin Mallia u tas-6 ta’ Gunju 2003 fejn xehed il-konvenut in kontro-ezami u Vincenza Borg in kontro-ezami wkoll.

Rat il-verbal tas-seduta datat 19 ta’ Settembru 2001;

Rat l-avviz tas-27 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Tanya Sammut iddikjarat li l-attur ghalaq il-provi tieghu fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2002 u l-Qorti ordnat li jsiru l-affidavits mill-konvenuta fit-terminu hemm moghti w ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi sabiex izzomm zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuta; tat-22 ta’ Jannar 2003; u tad-29 ta’ Jannar 2003 fejn gie estiz it-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits tal-konvenuta b’hamsin gurnata;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 31 ta’ Jannar 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess u ta’ Charles Zammit;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 12 ta’ Gunju 2003 fejn talab lill-Qorti sabiex l-affidavit ta’ Charles Zammit jigi sfilzat mill-atti tal-kawza;

Rat id-digriet tat-3 ta’ Lulju 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba u awtorizzat ix-xhieda tax-xhud indikat;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, 28 ta’ Ottubru 2004;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-att kollha tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

**<u>PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi fl-affidavit ta’ l-**attur** datat 28 ta’ Frar 2000 l-attur jghid li huwa gie kkundannat ihallas manteniment fis-somma ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar bhala manteniment ghall-konvenuta u s-somma ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm20) bhala manteniment ghal uliedu u dan b’sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Franco Depasquale datata 24 ta’ Ottubru 1995. Jghid li mid-data tas-sentenza l-istess uliedu saru maggorenni, tant li Carol dak iz-zmien ta’ l-affidavit kellu hamsa u ghoxrin (25) sena, Romina Borg kellha erba` u ghoxrin (24) sena u Gordon Borg kellu tnejn u ghoxrin (22) sena. Jghid li llum il-konvenuta tahdem is-Seabank Hotel *full time* u fl-Atlantic Restaurant *part time.* Kienet tahdem hekk anke matul iz-zwieg (*vide* xhieda ta’ l-4 ta’ April 2001). Huwa jghid li jahdem *part time* ta’ xufier ta’ xarabank u dan darba jew tnejn fil-gimgha biss u jaqla’ hmistax-il lira Maltija (Lm15) kull darba – <u>*jahdem biss meta jkun hemm bzonn.*</u>

Illi fis-seduta ta’ l-24 ta’ Settembru 1999 jghid li huwa f’dak iz-zmien ma kienx jahdem hlief gurnata ‘l hemm u ‘l hawn, kemm jghix huwa. Jghid li l-mara tieghu tahdem u tghix ma’ haddiehor certu Alfred Cutajar, u jghid li dan jarah fuq ix-xarabank u dan xehdu wkoll fis-seduta ta’ l-4 ta’ April 2001.

Illi l-istess attur jghid li l-mara kienet tahdem meta inghatat is-sentenza u dan kien indikat fl-istess proceduri ghaliex fiz-zwieg hija kienet tahdem ukoll. Jghid li fiz-zmien is-sentenza ma kienx jahdem, izda xorta wahda gie ordnat ihallas manteniment. Jghid li mid-data tas-sentenza ma hallasx manteniment hlief xi darba u dan ma giex accettat mill-konvenuta. Qatt ma kellu xarabank f’ismu. Jghid li kien jahdem bix-xarabank bhala *part-time* u jahdem biss bhala *part time*. Jghix ma habiba pero’ ma jafx jekk din tahdimx *“peress li ma jinteressawhx dawn l-affarijiet’.* <u>Jahdem skond l-aptit.</u> In re-ezami jghid li l-mara kienet tahdem fi zmien is-sentenza u meta xehed ma jafx fejn tahdem ghaliex ukoll ma jinterresahx. Matul iz-zwieg kienet tahdem ma’ certu Guzeppi u mhux mas-Seabank.

Dwar ix-xarabank li semma' Charles Zammit jghid li din m'hijiex tieghu pero' gieli hadem biha; l-ohra 0581 hija ta' hu Joseph Zammit u gieli huwa saqha. Jghid li martu ghandha relazzjoni ma' Alfred Cutajar u li kienet siefret mieghu. Uliedu qatt ma qalulu li martu tghix ma' dan ir-ragel.  Jghid li fiz-zmien is-sentenza huwa ma kienx jahdem u l-mara kienet tahdem *part-time*.

Illi **Natalino Debono** xehed fis-16 ta' Novembru 2001 li l-konvenuta tahdem maghhom u ghandha paga ta' tliet mija u tliet liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm303.31) gross fix-xahar u dan mill-24 ta' Lulju 2000 data tal-kuntratt taghha. Fl-1998 u dan mit-3 ta' April 1998 sa l-4 ta' Ottubru 1998 kienet tahdem u kellha paga ta' mitejn u erbgha u sittin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm264.32) fix-xahar.  Fil-fatt kull sitt xhur kien ikun hemm kuntratt gdid. Fl-ahhar kien hemm kuntratt ghal zmien indefinit b'effett mill-24 ta' Lulju 2001;

Illi **John Mary Borg** sostna li l-konvenuta qatt ma kienet tahdem mieghu**. Michael Diacono** sostna li l-konvenuta kienet tahdem mieghu fil-perjodu ta' bejn mill-1 ta' Settembru 1994 sat-27 ta' Settembru 1997 u relattivament ghall-istess esebixxa d-dokumenti "MD 1" sa Dok. "MD 5" li juru l-introjtu ta' l-konvenuta ghall-perjodu bejn 1996 u 1997 fejn jirrizulta li l-introjtu taghha gross kien ghas-sena 1996, kien ta' tlett elef, erbgha mija u tlieta u tmenin lira Maltija (Lm3,483) u fl-1997, kien ta' elfejn, seba` mija u tlieta u tmenin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm2,783.91).

Illi l-**konvenuta** minn naha taghha tghid li l-attur naqas li jmantni lilha u lil uliedha minn Gunju 1991, lanqas wara s-sentenza. Hija tghid li l-istess attur jahdem fit-trasport pubbliku u ghandu zewg xarbanks – EBY 579 u jsuq ohra 0581 – kellu ohra numru 707. It-tfal illum ghandhom l-eta' taghhom, ghaliex Carol ghalet tmintax il-sena (18) fi Frar 1993, Romina ghalqet tmintax il-sena (18) fil-5 ta' Lulju 1994 u Gordon ghalaq tmintax il-sena (18) fl-4 ta' Dicembru 1996. Tghid li l-attur jahdem *full time.* Tghid li anke fil-kawza l-ohra kien jghid li ma jahdimx izda ma twemminx. Tghid li l-attur abbanduna l-familja u mar jghix

ma' mara ohra. <u>Tghid li hija gja kienet tahdem meta nghatat is-sentenza u dan kellha taghmlu *stante* li l-istess attur ma kienx imantniha – kien tela' jixhed ukoll il-principal taghha.</u> <u>Tghid li zewgha dejjem hadem izda jirregistra ukoll u jghix ma' Iris Borg li qeghda tigi mantnuta minnu.</u>

Illi in kontro-ezami l-istess konvenuta qalet li x-xarabank 579 tkun ipparkjata quddiem il-flat ta' zewgha – kien Charles Zammit li qalilha li l-istess xarabank kien tieghu. Tghid li l-attur kull filghodu jsuq ix-xarabank u kull filghaxija jipparkja fl-istess post u dan sa xhar qabel l-istess konvenuta xehdet fis-6 ta' Gunju 2003. Tghid li taf li l-istess attur m'huwiex registrat ma' Transport Authority u c-cekk ma johrogx fuqu ghaliex l-istess xarabank qieghed ghand l-attur bid-dejn. Ghaliha jahdem regolarment mhux *part-time* u gieli rikbet hija u t-tfal mieghu. Dwar Alfred Cutajar, tghid li dan huwa habib taghha u hija tghix mat-tifla u mhux mieghu. Gieli harget mieghu u siefret mieghu wkoll. Tghid li hija fid-data tas-sentenza kienet tahdem *part-time* b'ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha u kellha bzonn il-flus bhala manteniment u l-attur taha xi hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) darba wahda biss. Minn dakinnhar ma hallas qatt manteniment.

Illi **Charles Zammit,** jghid fl-14 ta' Marzu 2002, li xi tnax-il sena qabel kien ceda x-xarabank lill-attur sabiex jahdem bih huwa u minn dak iz-zmien 'l hawn kien u ghadu jahdem fuq tal-Linja. Jghid li l-istess attur ghandu xarabank ohra numru EBY 579 u jsuq ohra. Huwa stess jahdem f'dan ix-xoghol u bix-xarbank tieghu jaqla' tmint elef lira Maltija (Lm8,000) gross. Jghid li tul dawn l-ahhar tnax-il sena (12) l-attur dejjem hadem.

Illi xehed ukoll **Edwin Mallia** mill-*Employment & Training Corporation* li sostna li l-attur skond ir-*records* taghhom l-ahhar li hadem kien fis-sena 1996 u l-ahhar li rregistra ghax-xoghol kien fl-1998. Jghid li l-attur instab jahdem tlett darbiet meta dan kien qed jirregistra, u dan darbtejn fl-1995 u darba ohra fl-1998, fejn instab isuq xarbank u b'hekk ma thalliex jirregistra; minn dak iz-zmien la

rregistra taht l-ewwel u lanqas it-tieni parti. Mir-rapport esebit bhala Dok. “EM 2” jirrizulta li l-attur, fis-27 ta’ Ottubru 1998 kien qed isuq xarabank EBY – 651.

**APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-attur jghid fil-premessi tac-citazzjoni tieghu li jghid li:-

*“Illi jirrizulta illi l-manteniment likwidat fis-sentenza hawn fuq imsemmija ma gietx ibbazata fuq il-kapacita` tal-konvenuta illi tahdem u certament ma kenitx ibbazata fuq dhul jew introjtu ta’ l-attur;”*

Illi konsewgenti ghal din il-premessa (u ohrajn li ser jigu trattati iktar ‘il quddiem) qed jitlob jew li l-istess Qorti tiddikjara li huwa m’ghandux obbligu li jmantni lil martu jew altrimenti li l-istess manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta, jigi likwidat mill-gdid f’somma inferjuri ghal dak indikat fis-sentenza datata 24 ta’ Ottubru 1995.

Illi minn din il-premessa citata jidher car li dak li l-attur qed jitlob huwa rikonsiderazzjoni tas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-24 ta’ Ottubru 1995, liema sentenza ghaddiet in gudikat (tant li fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba tal-konvenut, l-istess attur isejjah tali sentenza bhala titolu eskuttiv), wara li l-istess attur naqas li jappella u dan bla ma lanqas ghamel jew uza l-procedura ta’ ritrattazzjoni jekk din kienet applikabbli ghall-kaz.

Illi certament f’dan is-sens, l-azzjoni attrici hija frivola u vessatorja u abbuz tal-procedura ta’ din il-Qorti, *stante* li anke jekk jallega li l-ewwel Qorti ghamlet ragunament li l-attur ma jaqbilx mieghu, l-istess attur kellu r-rimedju ta’ l-appell li ma utilizzax; certament pero’ ma jistax jaqbad u jintavola kawza sabiex tigi re-ezaminata decizjoni tal-Qorti, iktar u iktar meta tali decizjoni ghaddiet in gudikat, u l-istess attur baqa’ sokkombenti ghaliha ghaliex lanqas biss appella – almenu ma jidhirx mill-atti li sar appell. Certament ma jistax isir appell minn tali sentenza permezz ta’ din il-procedura addottata mill-attur u

ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dak li pprova jaghmel l-attur kien biss tentattiv sabiex huwa ma jaghtix ezekuzzjoni ghall-istess sentenza; tant li baqa' mid-data ta' l-istess sentenza inadempjenti u ma hallas l-ebda ammont ta' manteniment hekk lilu ordnat, kif *di piu* huwa ammess minnu.
Illi dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li t-talbiet alternattivi attrici, jikkontradixxu lil xulxin ghaliex l-attur qed jitlob li *in vista* ta' dak premess fic-citazzjoni attrici, huwa ma ghandu l-ebda obbigu ta' manteniment *verso* l-attrici u jekk ghandu dan huwa f'ammont inferjuri ghal dak deciz mill-istess sentenza moghtija fil-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ovvjament l-istess frivolita' ta' l-azzjoni attrici, jirrizulta wkoll mill-fatt li l-istess sentenza inghata fl-ambitu ta' dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, li ddeciediet dwar ir-responsabbilta' tal-kawza ta' separazzjoni, l-manteniment dovut mill-attur lill-konvenuta u lil uliedu, li *in verita'* kien ilu ma jhallas mis-sena 1991, wara li l-attur abbanduna lill-familja tieghu sabiex mar jghix ma' mara ohra u wkoll il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, u jidher li l-istess attur qed jilmenta biss dwar il-manteniment li gie ordnat ihallas, meta tali sentenza mhux hekk biss tghid, izda jidher li dwar id-decizjonijiet l-ohra kollha l-istess attur baqa' sokkombenti.

Illi fit-tieni lok l-istess attur jaghmel l-istess talba pero' ghar-raguni li skond huwa, llum, il-konvenuta qeghda tahdem u ghalhekk hija fi grad li tmantni lilha nnfisha u anke lil uliedha.

Illi din l-istess premessa hija wkoll frivola u fuq kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u dan *stante* li kif jirrizulta mis-sentenza citata ta' bejn il-partijiet, l-istess Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-attrici kienet tahdem tant li hemm kwotazzjonijiet fl-istess sentenza fejn jinghad li l-attrici xehdet li kienet tahdem minn xi erba' snin qabel u allura ma hemm l-ebda dubju li l-istess Qorti hadet in konsiderazzjoni dan kollu nkluz il-fatt li l-istess attur kien

qed jiddikjara quddiemha li ma jahdimx, meta fil-fatt kien qed jahdem.

Illi apparti dan jirrizulta wkoll, li l-istess Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet kollha moghtija mill-istess atti f'dik il-kawza fejn huwa kien fil-fatt ecceppixxa li *"l-manteniment talvolta pagabbli lill-attrici ghandu jigi likwidat in konsiderazzjoni tal-kapacita' ta' l-istess attrici li tahdem…"*

Illi dan pero' qed jinghad biss sabiex jintwera kemm l-attur kien frivolu, abbusiv u dizonest fil-prezentazzjoni tieghu ta' din il-kawza, fejn f'dan l-aspett hawn ikkonsidrat qieghed effettivament jitlob li din il-Qorti tezamina l-konkluzjonijiet tal-Qorti fis-sentenza minnu citata, haga li ovvjament ma' tistax issir skond l-ordinament guridiku Malti, u certament mhux permezz ta' din il-procedura, *stante* li din il-Qorti m'hijiex wahda ta' appell.

Illi ghall-kompletezza jinghad li din it-talba ta' l-attur ghat-tnaqqis ta' manteniment, tista' biss tigi kkunsidrata taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 54 (7) tal-Kap 16** f'kaz li wara sentenza ikun hemm tibdil fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew fil-bzonnijiet tal-parti l-ohra. Il-kawza attrici allura sejra tigi kkonsidrata a bazi ta' din id-dispozizzjoni li bl-ebda mod ma tikkostitwixxi appell minn sentenza ta' separazzjoni, izda biss allegazzjoni ta' bdil ta' cirkostanzi li jistghu jaghtu lok ghal tibdil fil-manteniment ordnat. Ma' dan allura ma ghandu x'jaqsam xejn mar-re-apprezzament tal-provi migjuba f'dik il-kawza kif l-istess attur qed jippretendi li din il-Qorti ghandha taghmel fil-premessi ta' l-istess citazzjoni attrici fuq elenkati.

Illi fil-fatt f'kawza li ssir a bazi ta' l-istess **artikolu 54 (7) tal-Kap 16** jigi ezaminat biss bdil fic-cirkostanzi li jista' lok ghall-effetti indikati fl-artikolu appena citat. Hawn si tratta biss, u t-talbiet attrici huma hekk limitati ghall-manteniment tal-konvenuta, *stante* li fl-istess talbiet fuq hekk biss qed jitkellem l-attur – anke peress li jirrizulta li l-ulied lahqu l-eta' taghhom.

Illi pero' hawn ukoll japplika dak li din il-Qorti qalet dwar il-vessatorjeta' ta' l-azzjoni attrici, *stante* li jekk inhu applikabbli dan l-imsemmi artikolu ghall-kaz in ezami, dan ghandu jirreferi biss ghall-perjodu wara li nghatat id-decizjoni li l-attur qed jirreferi ghaliha, liema decizjoni ghaddiet in gudikat, izda mhux kif qed jippretendi l-attur li tali tnaqqis fir-rata tieghu ta' manteniment kellu jkollu effett mid-data ta' l-istess sentenza fl-24 ta' Ottubru 1995, li in verita' ma jistax hlief ifisser li l-istess attur qed jittenta hawn ukoll ibiddel is-sentenza moghtija, minghajr ma ghamel appell, u biss b'din il-procedura,  li certament m'hijiex mezz ta' appell minn sentenza ta' l-ewwel grad.

Illi pero' meta wiehed ihares lejn il-provi prodotti mill-attur, din il-Qorti tikkonferma li mhux biss jirrizulta li l-attur qatt ma adempixxa ruhhu mas-sentenza tal-Qorti, izda jirrizulta li 'n verita' baqa' jippersisti bil-komportament tieghu li ma jghidx il-verita' minkejja li kien qed jixhed b'gurament,  peress li ghalkemm jghid li huwa ma jahdimx, u fl-ahhar jghid li huwa jahdem biss *part-time* u biss kemm ihoss li ghandu bzonn jahdem, u dan wara li ghal dan iz-zmien kollu naqas li jmantni lil uliedu u lil martu.  Fil-fatt din il-Qorti hija konvinta mill-provi prodotti, li huwa jahdem regolarment bhala sewwieq tax-xarabank, tant li minkejja li kien qed jirregistra ghax-xoghol, sabiex jipprova jevadi li jhallas tali manteniment kif gie ordnat jaghmel fl-istess sentenza, huwa nqabad mill-awtoritajiet, li anke xehdu diversi drabi, li kien qed jahdem, u b'hekk kien qed jabbuza mis-sistema ta' registrazzjoni ghax-xoghol.

Illi dan jidher car li gara anke fil-kawza ta' separazzjoni fuq citata, tant li fl-istess sentenza hemm riferenza cara dwar din it-tattika llegali ta' l-attur, li pprova jidhaq b'dik il-Qorti sabiex la jhallas manteniment lil martu u lanqas lil uliedu.

Illi l-istess attur inkredibbilment qed jerga' jipprova jaghmel l-istess, u dan minkejja li mill-istess provi jirrizulta li fil-fatt huwa jahdem, u llum huwa jammetti li qed jahdem, (skond huwa biss kemm hemm bzonn), izda hemm provi ohra li juru li l-istess attur minn dejjem ipprova jqarraq b'kulhadd, inkluz dawn il-Qrati, li huwa ma jahdimx

meta fil-fatt kien qed jahdem, u kif jirrizulta mix-xhieda ta' rapprezentanti mill-ETC huwa kien inqabad jahdem diversi drabi meta fl-istess waqt kien qed jirregistra ghax-xoghol; dan apparti ix-xhieda ohra li ppruvaw li l-istess attur kien qed jahdem regolarment b'xarabanks partikolari, u x-xhieda ta' martu li l-istess attur dejjem ikollu x-xarabank quddiem ir-residenza tieghu, u kull filghodu jmur ghax-xoghol u jirritorna lura d-dar.  Dan apparti allegazzjonijiet li saru li huwa ghandu wkoll xarabanks tieghu li ovvjament jopera huwa stess konsistentement.

Illi mela *in vista* ta' l-obbigazzjonijiet tieghu miz-zwieg u r-responsabbilta' tieghu ghas-separazzjoni, wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni l-impjieg jew ix-xoghol tieghu, u ghahekk l-istess attur ghazel li ma jaghti l-ebda dettalji ezatti ta' l-istess introjtu tieghu (ghad-differenza ta' dak li huwa stess ghamel fil-konfront tal-konvenuta) jirrizulta fl-opinjoni ta' din il-Qorti li anke jekk wiehed jiehu l-ftit dettalji li ta' l-attur stess, cjoe' li huwa jahdem ghal hmistax-il lira Maltija (Lm15) kuljum, (pero' meta jrid u jhoss il-bzonn), l-introjtu tieghu ghandu jirrizulta li huwa wiehed sostanzjali, li ghal gimgha ta' hamest ijiem huwa ta' tlett elef u disgha mitt lira Maltija (Lm3,900), u ghal gimgha ta' sitt ijiem, l-introjtu tieghu huwa ta' erbat elef, sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm4,680).  Fil-fatt din il-Qorti hija konvinta li l-istess attur jaqla' anke iktar minn hekk, izda jaghmel minn kollox sabiex l-introjtu tieghu ma jiddikjarahx ghal diversi ragunijiet, mhux l-inqas sabiex jevadi l-obbligi tieghu fil-ligi lejn martu u wkoll jevadi l-ordnijiet lilu moghtija fl-istess sentenza ta' separazzjoni, kemm rigward il-mara u kemm rigwardanti l-ulied tieghu, minuri.  Dan meta fil-fatt qed jghix ma' mara ohra, (li jghid li lanqas jaf jekk tahdimx) u qed imantni lilu innifsu u lill-istess terza persuna, ma' min stabilixxa r-residenza tieghu.

Illi dwar l-impjieg tal-konvenuta, jirrizulta li l-istess konvenuta kienet tahdem anke qabel l-istess data tas-sentenza u l-istess Qorti fis-sentenza taghha semmiet sew ic-cirkostanzi ghaliex il-konvenuta kellha tohrog tahdem u dan ghaliex giet abbandunata mill-attur li mar jghix ma' mara ohra u minkejja li kien qed jahdem u kellu

l-kapacita' li jahdem, ma kienx qed imanti la lill-konvenuta u lanqas lil uliedu li dak iz-zmien kienu minorreni.

Illi jidher li l-istess konvenuta ghandha introjtu ta' cirka tlett mija u tlett liri Maltin (Lm303) gross fix-xahar, filwaqt li l-attur jghid li jaqla' hmistax-il lira Maltija (Lm15) kuljum, meta jahdem, ghalkemm din il-Qorti thoss li l-istess attur jaqla' ferm izjed kif fuq gja indikat u filwaqt li tiehu l-konsiderazzjoni li gie wkoll pruvat konkludentement li l-istess attur ghandu xoghol *full time* u jahdem *full time,* u li allura mhux kif qal huwa jahdem biss sporadikament, u in verita' din il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li a bazi tal-provi prodotti, l-istess attur ghandu ntrojtu sew, li ovvjament zdied ukoll mid-data tas-sentenza sa llum, kif gja gie indikat fl-istess decizjoni odjerna.

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-kawza odjerna saret mill-attur bl-intenzjoni cara li l-istess attur jeludi l-obbligi tieghu ta' manteniment lilu ordnat fl-istess sentenza, kif fil-fatt ghamel sa llum billi ghazel mhux biss li ma jhallas qatt tali manteniment izda wkoll li jaghmel din il-kawza, sabiex jipprova jottjeni l-ezenzjoni tieghu mill-hlas ta' tali manteniment.

Illi dan huwa kkonfermat meta meta jghid li huwa jahdem kemm ikun hemm bzonn, u dan meta *ex admissis* lanqas ghal uliedu ma hallas manteniment, pero' jidher li qed imantni mara ohra ma' min huwa qed jghix, u meta jaghmel minn kollox sabiex jahbi l-introjtu u x-xoghol tieghu, u dan meta jirrizulta car mill-provi, li l-istess attur dejjem kellu l-possibbilita' li jahdem, tant li huwa stess jghid li jahdem kemm ihoss li ghandu bzonn.

Illi meta jigi kkonsidrat dan kollu anke fid-dawl tal-fatt li l-ammont li gie likwidat bhala manteniment ghall-konvenuta kienet biss is-somma ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar, u dan certament ma' hemm l-ebda bazi ghaliex din il-kontribuzzjoni minima ta' l-attur ghall-manteniment tal-konvenuta, ghandha fic-cirkostanzi odjerni tigi mnaqqsa, *stante* li din hija somma minima u ragonevoli, u dan iktar fid-dawl tal-fatt li jekk il-konvenuta kellha tahdem izjed sabiex tmantni lil uliedha u lilha nnfisha ghaliex l-attur ma

hallas qatt ebda manteniment. L-attur fi kwalunkwe kaz, zied l-introjtu tieghu ghaliex anke jekk wiehed jiehu l-kelma tieghu, hadem izjed minn dak li kien iddikjara quddiem il-Qorti l-ohra, ghaliex hemm kien xehed li ma jahdem xejn.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li mill-provi prodotti ma hemm l-ebda raguni ghaliex tali manteniment ordnat li l-attur ghandu jhallas ghandu jigi varjat *stante* li kemm l-attur u kemm il-konvenuta ziedu l-introjtu taghhom, u l-konvenuta kellha necessarjament taghmel dan sabiex tmantni lilha infisha u lil uliedha, u dan ghaliex l-attur naqas li jaddempjixxi l-obbligi tieghu legali u gudizzjarji fil-konfront ta' l-istess martu u wliedu. Jidher ukoll li ghalkemm it-tfal saru maggorenni, l-istess konvenuta baqghet ukoll tforni l-manteniment taghhom sakemm l-istess baqghu jghixu maghha, u ghalhekk certament li l-istess spejjez tal-konvenuta kienu sostanzjali, meta ilha dan iz-zmien kollu tipprovdi wahedha ghall-manteniment ta' uliedha. Fil-fatt jirrizulta li l-istess attur ilu ma jmantni lil uliedu mill-1991; anke wara li nghatat l-istess decizjoni l-istess attur baqa' mill-1995 sa llum ma jmantnix lil uliedu, u llum li l-ulied kollha saru maggorenni, lanqas qed ihallas l-ammont ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar likwidat fl-istess sentenza bhala l-kontribuzzjoni tieghu ghall-manteniment ta' martu, li huwa kien hati lejha *inter alia* ta' adulterju.

Illi ghalhekk din il-Qorti, anke ghal dawn ir-ragunijiet, tichad it-talbiet attrici u tikkonsidrahom bhala frivoli u vessatorji, u abbuz tal-procedura gudizzjarja, u dan l-apprezzament japplika wkoll ghad-difensuri ta' l-attur li intavolaw din it-tip ta' kawza.

Illi dwar l-ewwel talba tal-konvenuta fi-kontro-talba taghha jirrizulta li l-istess attur mid-data tas-sentenza 24 ta' Ottubru 1995 qatt ma hallas l-ebda somma ta' manteniment lil-konvenuta fir-rata ta' erbghin lira Maltija (Lm40) kull xahar. Ghalhekk l-arretrati ta' manteniment li l-istess attur naqas li jhallas lill-attrici minn dakinhar tas-sentenza sa llum huwa dak ta' erbat elef, tliet

mija u ghoxrin lira Maltija (Lm4,320) [Lm40 x 12 xahar x 9 snin (1995 sa 2004 = Lm4,320].

Illi l-manteniment ta’ ulied il-kontendenti, kien gie stabilit fis-somma ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm20) kull xahar ghal kull wild taht it-tmintax-il sena (18) minn dakinhar tas-sentenza. Illi skond ix-xhieda tal-konvenuta, t-tfal llum ghandhom l-eta’ taghhom, ghaliex Carol ghalqet tmintax-il sena (18) fi Frar 1993, Romina ghalqet 18 il-sena fil-5 ta’ Lulju 1994 u Gordon ghalaq tmintax-il sena (18) fl-4 ta’ Dicembru 1996. Dan ifisser li l-manteniment fl-istess sentenza gie ffissat biss ghal Gordon, ghaliex huwa biss kien ghadu minorenni fid-data tas-sentenza ta’ l-24 ta’ Ottubru 1995.

Illi l-manteniment li kellu jithallas ghall-istess minuri b’effett mill-24 ta’ Ottubru 1995 kien biss allura ta’ sena u xahar u ghaxart ijiem ekwivalenti ghal mitejn u tlieta u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm273.33) [Lm20 x 12 = Lm240 ghal sena; Lm20 ghal xahar; u Lm13.33 ghal ghaxart ijiem, b’kollox jammontaw ghal Lm273,33].

Illi ghalhekk l-ammont dovut bhala arretrati ghall-manteniment tal-konvenuta u l-minuri Gordon, skond l-istess sentenza huwa dak ta’ erbat elef, hames mija u tlieta u disghin lira Malitja u tlieta u tletin centezmu (Lm4,593.33 (Lm 4,320 + Lm273.33 = Lm4,593.33.)

Illi ghalhekk l-ewwel, it-tieni u r-raba’ talba attrici ghandhom jigu milqguha f’dan is-sens.

Illi kwantu ghat-tielet talba attrici din il-Qorti thoss li tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din it-tielet talba m’ghandhiex tigi milqugha fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz *stante* li jidher li kemm il-konvenuta u kemm l-attur ziedu l-introjtu taghhom mid-data tas-sentenza ta’ separazzjoni ta’ bejniethom u ghalhekk l-ammont ta’ kontribuzzjoni ta’ l-attur ghall-manteniment tal-konvenuta, fic-cirkostanzi attwali u odjerni ghandu jibqa’ l-istess, salv dejjem kull dritt ta’ azzjoni li l-konvenuta ghandha jekk tali cirkostanzi jinbidlu, b’dan li l-obbligu ta’ l-attur li jmantni lill-attrici jibqa’ veljanti a bazi ta’ l-istess sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dan il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak hawn deciz, u **tichad it-talbiet ta' l-attur *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u wkoll frivoli u vessatorji.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

Illi *inoltre,* minhabba li l-attur abbuza mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless kemm minn natura tac-citazzjoni li huwa pprezenta, li hija fl-opinjoni ta' din il-Qorti frivola u vessatorja u kif ukoll li bil-mod kif mexa f'din il-kawza, huwa tawwal il-proceduri bla bzonn u dan huwa rifless minn numru ta' seduti li huwa utilizza u hela sabiex ghalaq il-provi tieghu, rifless anke mill-fatt li din il-kawza ilha li giet istitwita mit-3 ta' Ottubru 1996 u huwa ghalaq il-provi tieghu biss fil-25 ta' Gunju 2002, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lill-attur ihallas is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha tapplika id-dispozizzjonijiet tal-**paragrafu 10 (2) ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** kontra d-difensuri legali ta' l-attur, b'dan li qed tirreferi lill-istess difensuri legali ta' l-attur indikati fl-istess process lill-Kummissjoni ghall-Ammistrazzjoni tal-Gustizzja, ghall-prezentata ta' l-istess kawza attrici li fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija frivola u vessatorja, u wkoll fejn jidher car mis-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju appuntat f'din il-kawza li f'hafna seduti ma sar xejn proprju minhabba n-nuqqas ta' prezenza ta' l-istess difensuri ta' l-attur u nuqqasijiet ohra li servew sabiex din il-kawza ttawlet bla bzonn, tant li minkejja li giet istitwita fit-3 ta' Ottubru 1996, l-provi attrici, anke minhabba dawn in-nuqqasijiet, *oltre* dawk gja

elenkati fil-kaz ta’ l-attur, il-provi ta’ l-istess attur gew dikjarati maghluqa mhux qabel il-25 ta’ Gunju 2002 u ghalhekk l-istess agir serva sabiex din il-kawza u l-proceduri odjerni gew imtawwla bla bzonn.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenuta,** din il-Qorti **taqta` u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-istess eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta, u dan in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tielet talba tal-konvenuta fil-konfro-talba taghha** *stante* c-cirkostanzi attwali tal-kaz odjern u ghar-ragunijiet fuq indikati, **tilqa’ l-ewwel, it-tieni, u r-raba’ talba tal-konvenuta fil-kontro-talba** biss fis-sens hawn premess b’dan illi:-

1. Tillikwida l-ammont dovut lill-konvenuta odjerna bhala arretrati ta’ manteniment ghaliha u ghal ulied il-kontendenti mill-24 ta’ Ottubru 1995 sad-data tas-sentenza odjerna, fl-ammont ta’ erbat elef, hames mija u tlieta u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm4,593.33) rapprezentanti kwantu ghall-ammont ta’ erbat elef, tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm4,320) bhala manteniment ghall-konvenuta u l-ammont ta’ mitejn u tlieta u sebghin lira Maltija u tlieta u tlettin centezmu (Lm273.33) bhala manteniment ghall-minuri Gordon, b’effett mid-data ta’ l-istess sentenza sad-data meta sar maggorenni fis-6 ta’ Dicembru 1996.

2. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenuta odjerna, l-ammont hekk likwidat ta’ erbat elef, tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm4,320) bhala manteniment ghall-konvenuta u l-ammont ta’ mitejn u tlieta u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm273.33) bhala manteniment ghall-minuri Gordon, b’effett mid-data ta’ l-istess sentenza sad-data meta sar maggorenni fis-6 ta’ Dicembru 1996 flimkien ma’ l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-kontro-talba lill-attur fil-11 ta’ Marzu 1998 sa l-effettiv pagament.

3. Tichad din il-talba sabiex tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenuta odjerna *stante* li fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li l-kontribuzzjoni

ta’ l-attur ghall-manteniment ta’ l-istess konvenuta ghandu jibqa’ l-istess kif stabbilit fl-istess sentenza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet ta’ l-24 ta’ Ottubru 1995.

4. Tilqa’ din it-talba u tordna li l-manteniment hekk konfermat jithallas lilha direttament minn kull persuna jew entita` li minnha l-attur rikonvenzjonat jircievi xi paga jew beneficcju jew hlas iehor.

Bl-ispejjez kollha minhabba c-cirkostanzi tal-kaz kontra l-istess attur rikonvenzjonat.

Illi tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi kkomunika lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali sabiex, wara d-debita investigazzjonijiet jittiehdu l-passi kollha kriminali kontra l-attur dwar ix-xhieda li huwa ta f’din il-kawza bil-gurament fejn allega li ma jahdimx meta ineffetti jirrizulta li kien jahdem b’mod regolari, tant li saru rapporti dwaru mill-awtoritajiet kompetenti, u dan anke *ai termini* ta’ l-**artikoli 106 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------